**25 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija (Spt. Kevin Ellul Bonici)

*versus*

Alfred Debono

**Approprjazzjoni Indebita – Kwerela – Transazzjoni – Rinunzja Taċita tal-Kwerela**

*F'dan il-każ il-Qorti rriteniet li transazzjoni bejn il-partijiet kienet tammonta għal rinunzja taċita tal-kwerela b'mod li ma setgħux jinbdew proċeduri għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Mejju, 1992, li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

"Rat l-atti tal-Kumpilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, matul dawn l-aħħar snin, appropja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn Lm41,000 formanti parti minn introjtu ta' bejgħ ta' proprjetà ta' Albert Conroy, liema proprjetà ta' Albert Conroy, liema proprjetà u d-dħul mill-bejgħ tagħha ġew fdati jew ikkunsinjati lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-flus jew li jsir użu minnhom speċifikat;

*Omissis;*

Dina l-Qorti qed tiġi mitluba illi tikkundanna lill-imputat għar-reat ta' approprjazzjoni indebita fil-konfront ta' Albert Conroy. Dina l-Qorti tissimpatizza mal-problema li għandu Albert Conroy iżda dina l-istess Qorti hi Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-ftehim tal-21 ta' Lulju, 1989, ma jwassalx biex il-ksur tiegħu *o meglio* l-inadempjenza ta' l-imputat ma twassalx li jiġi kkundannat għar-reat lilu attribwit. Ir-risoluzzjoni tal-problema ma tistax tintalab lil dina l-Qorti. Ma jirriżultax fil-fehma ta' dina l-Qorti l-elementi rikjesti mil-liġi għall-eżistenza ta' dan ir-reat. L-aġir ta' l-imputat hu reprovevoli speċjalment fil-ħruġ ta' dak iċ-"*cheque*" ta' Lm3,000 li ma ġiex onorat iżda xejn aktar. Ir-rimedju ta' Albert Conroy hu r-rimedju ordinarju

fil-Qorti Civili tagħna;

Għaldaqstant, dina l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u tilliberah mill-istess akkużi'';

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u wara li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkuża dedotta kontrih, tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-Avukat Ġenerali in sostenn ta' l-appell tiegħu qiegħed jissottometti, illi l-Ewwel Qorti enunzjat, interpretat u applika ħażin u b'mod deċiżament inkomplet il-liġi in materja ta' approprjazzjoni indebita, b'mod ukoll illi meta ġiet biex tapplika l-liġi għall-fatti, effettivament iddeċidiet li l-fatt ma kienx fih l-elementi tar-reat. *Infatti l-Ewwel Qorti qalet testwalment:* ''..... il-ftehim tal-21 ta' Lulju, 1989, ma jwassalx biex il-ksur tiegħu *o meglio* l-inadempjenza ta' l-imputat ma twassalx li jiġi kkundannat għar-reat lilu attribwit''. Issa, apparti li l-akkuża ma kienet bl-ebda mod marbuta mal-ftehim tal-21 ta' Lulju, 1989, l-inadempjenza, konsistenti fin-nuqqas tar-radd tal-ħaġa, naxxenti minn obbligu kontrattwali jew kważi kontrattwali, hi proprju wieħed mill-elementi tar-reat in diżamina (''... titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa'', art. 293) l-ieħor hu li wieħed jonqos mill-obbligu ta' użu speċifikat tal-ħaġa li tkun ġiet fdata f'idejh. Jiġifieri, wara li l-Ewwel Qorti sabet bħala fatt

illi Albert Conroy ikkonsenja lill-imputat il-flus minn dana i-bejgħ biex l-imputat jesportalu l-flus barra minn Malta, li dawna l-flus, jew parti minnhom, żammhom għalih u minkejja diversi wegħdiet qatt ma esportahom jew b'xi mod irritornahom lil Conroy kif suppost kien obbligat li jagħmel, dik l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li:

(1) li dak il-ftehim tal-21 ta' Lulju, 1989 jinnewtralizza r-reat bħallikieku jekk id-derubat, f'każ ta' serq, jiftiehem mal-ħalliel biex dana jrodd lura l-oġġetti misruqa entro ċertu terminu, allura r-reat ta' serq ma jkunx sar u kollox isir ta' indoli ċivili u;

(2) li l-liġi in materja ta' approprjazzjoni indebita ma kinitx tapplika għal dawk il-fatti;

Il-fatt li l-Ewwel Qorti daħlet fil-provi u elenkat diversi fatti minnha misjuba però mbagħad qalet li dawn ma jammontawx għall-estremi tar-reat, jammonta għal enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi;

L-Ewwel Qorti interpretat u applikat ħażin il-liġi wkoll meta qrat l-akkuża, u r-reat miġjub f'dik l-akkuża, bħala li kienet b'xi mod marbuta mal-ftehim tal-21 ta' Lulju, 1989. L-approprjazzjoni indebita kienet saret ferm qabel ma saret l-iskrittura privata in kwistjoni;

Skond l-appellant Avukat Ġenerali l-Ewwel Qorti jidher li stradat ruħha wkoll ħażin in materja ta' liġi meta deherilha li kien hemm xi risoluzzjoni ta' problema li qed tintalab lilha. L-azzjoni kriminali, anke meta jew tispetta unikament lill-parti leża jew ma tistax titmexxa mill-awtorità pubblika mingħajr il-kwerela tal-parti leża, hi dejjem intiża mhux għar-risoluzzjoni ta' xi

problema li jkollu xi ħadd, iżda sabiex tiġi nflitta l-piena kontra l-ħati. Il-fatt li Albert Conroy jista' jkollu r-rimedju ordinarju fil-Qorti Ċivili tagħna ma jfissirx li ma jkunx hemm ukoll reat, u dana speċjalment meta l-fatti kollha li jikkostitwixxu l-elementi ta' dak ir-reat ġew identifikati mill-Qorti fil-korp tas-sentenza tagħha;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 293 li taħtu ġie akkużat l-imputat jiġifieri l-artikolu li jirregola l-approprjazzjoni bla *jedd mingħajr* iċ-ċirkostanzi aggravanti msemmija fl-artikolu 294, m'hix prosegwibbli ħlief bil-kwerela tal-parti. In forza ta' l-artikolu 539 tal-Kodiċi Kriminali u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 537 il-kwerela tista' ssir kemm bil-fomm, kif ukoll bil-miktub. F'dan il-każ m'hemmx dubju, għax dan jirriżulta ampjament mill-provi, li kwerela da parti ta' Albert Conroy kien hemm u allura dan l-element tar-reat huwa sodisfatt;

Issa f'din l-istanza, l-appellant għamel riferenza għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Jannar, 1918 fl-ismijiet *Sua Maestà il Re versus* Loreta *moglie di* Emmanuele Cremona li fiha jingħad f'każ ta' approprjazzjoni indebita fejn wara li kienu nbdew il-proċeduri, intlaħqet transazzjoni bejn il-parti leża u l-imputata "*Attesocchè tale transazione importerebbe una rinunzia all'istanza avanzata dalla querelante e quindi sorge la quistione se al tempo in cui fu iniziato un procedimento istruttorio contro l'accusata, l'azione penale non fosse estinta per effetto di remissione della parte lesa, e quindi ancora la quistione se tale estinzione non importa la nullità degli atti di istruzione e conseguentemente anche qulla dell'atto di accusa su cui è fondato il presente giudizio*";

B'riferenza għal din is-sentenza, kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Mejju, 1993 quddiem din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ċjoè l-Avukat Ġenerali ssostni illi dak li ntqal mill-Qorti msemmija, mhux applikabbli għall-każ u dan peress illi fil-każ imsemmi l-kwerela saret wara li kien sar il-ftehim, mentri f'dan il-każ, l-ewwel saret il-kwerela u wara sar il-ftehim;

Din il-Qorti però tara illi m'hemmx differenza u m'għandux ikun hemm differenza dwar jekk it-transazzjoni tkunx saret qabel jew wara l-istituzzjoni tal-proċeduri u dana għaliex daqs kemm hu neċessarju illi l-proċeduri preżenti setgħu biss jiġu institwiti kontra kwerela mill-parti leża, daqshekk ieħor huwa veru illi jekk fil-kors tal-proċeduri jirriżulta illi ssir transazzjoni, l-istess proċeduri għandhom jieqfu;

Mhux korretta anqas is-sottomissjoni l-oħra li għamel l-Avukat Ġenerali fir-rikors ta' l-appell fejn ekwipara dan il-każ kif deċiż mill-Ewwel Qorti, mal-każ ta' serq fejn il-ħalliel jiftiehem biex irodd lura l-oġġetti misruqa entro ċertu termini lid-derubat. Il-paragun ma jissussistix;

Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq dan il-każ u hija tal-fehma illi effettivament x'ġara qabel l-iskrittura illi hemm esibita fil-proċess li ġġib id-data tal-21 ta' Lulju, 1989, huwa rrilevanti għal dan il-każ peress illi f'dik il-ġurnata, il-partijiet ftiehmu kif jirregolaw il-pendenzi ta' bejniethom;

F'dik l-iskrittura hemm indikat mhux il-fatti kif elenkati fir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u kif effettivament ġew irrappurtati lill-Pulizija, imma illi "*Whereby the appearers agree that Alfred Debono holds on behalf of Albert Conroy the sum of fourty-one thousand Maltese liri Lm41,000, being the*

*balance of Albert Conroy's share of the sale of Villa* ta' l-Għolja, Madliena;

*"Whereas Albert Conroy has requested Alfred Debono to transfer the said amount to him abroad;*

*"And whereas subsequently Albert Conroy had requested Alfred Debono to pay him the said amount of Lm41,000 in Maltese liri;*

*"And whereas this entails that Alfred Debono re-import the funds already exported which re-importation necessitates the lapse of fifteen (15) days from this day;*

*"Now therefore, Alfred Debono undertakes and binds himself in favour of Albert Conroy, who accepts to pay unto Albert Conroy the sum of fourty-one thousand Maltese liri (Lm41,000) within fifteen (15) days from today and without interests"*. Imbagħad hemm xi kundizzjonijiet oħra li m'humiex rilevanti għall-mertu ta' dan l-appell;

Jidher illi sussegwentement għal dina l-iskrittura, Alfred Debono ma żammx kelmtu fis-sens illi huwa ma onorax l-obbligazzjonijiet minnu assunti b'dik l-iskrittura, almenu għal dak li jirrigwarda l-maġġor parti ta' din is-somma peress illi jirriżulta li nel frattemp huwa ħallas f'diversi okkażjonijiet parti mill-istess somma;

Dan però ma jġibx u ma jwassalx għall-konklużjoni li jrid jasal għaliha l-Avukat Ġenerali għaliex evidentement dak li nħoloq hawnhekk kienet relazzjoni kompletament ġdida ta' nautra strettament ċivili illi jekk bħala konsegwenza tagħha kien

jirriżulta n-nuqqas ta' ademp..nent ta' l-obbligazzjoni assunta mill-istess Alfred Debono, dan ma kienx jinkwadra ruħu fil-fattispeċje tar-reat ta' approprjazzjoni indebita, imma kien u jibqa' sempliċement debitu ċivili li ma tħallasx u li għalhekk jagħti d-dritt għall-azzjoni ċivili imma mhux għall-azzjoni kriminali peress illi dak illi ftiehmu l-partijiet u l-modalità illi kkonvenew bejniethom, ma jistax jiġi innewtralizzat bil-fatt biss illi saret il-kwerela. Effettivament jista' jiżdied ukoll li mhix korretta s-sottomissjoni ta' l-Avukat Ġenerali, li f'dan il-każ, l-ewwel saret il-kwerela, imbagħad sar il-ftehim. Dan mhux hekk, anzi jirriżulta illi fil-waqt illi l-ftehim jirrisali għad-data li ssemmiet, jiġifieri għall-1989, jidher illi r-rapport li sar mill-Avukat Buttigieg lill-Pulizija kien sussegwenti għaliha u l-proċeduri mbdew żmien konsiderevoli wara u ċjoè fit-2 ta' Mejju, 1991. Jiġifieri l-kwerela saret wara t-transazzjoni u mhux qabel. Dan terġa' jġib l-applikazzjoni mingħajr ebda dubju ta' xejn tal-prinċipju li *diġà ssemma aktar 'il fuq u li kien ġie enunzjat fis-*sentenza ċċitata *supra;*

Jibqa', bħala fatt però, illi saret kwerela minn Conroy fil-konfront ta' Alfred Debono fejn l-awtorità tal-Pulizija intalbet tipproċedi u fil-fatt ipproċediet. F'dan ir-rigward din il-Qorti tara illi japplika dak illi qalet fil-paragrafi preċedenti u ċjoè illi l-fatti kif jirriżultaw ma jinkwadrawx ruħhom fl-elementi tar-reat kif stabbiliti fl-artikolu 293 kif sewwa ddeċidiet l-Ewwel Qorti u għalhekk din il-Qorti sejra tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.